**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija minn Mr Speaker l-Onor. Louis Galea f'Seduta numru 175 tat-Tnejn, 7 ta' Diċembru, 2009.**

*Punt ta' Ordni - Kwestjoni ta' 'żvijar', 'sgwidar', 'misleading' tal-Kamra - Mistoqsijiet Parlamentari u Tweġibiet - Ordnijiet Permanenti 35, 36, 161 u 197 - Artikolu 11(4) Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113) - Erskine May .*

Fis-Seduta numru 172 tat-Tnejn, 30 ta' Novembru, 2009, hekk kif is-Sedja kienet ser tgħaddi għall-Mistoqsijiet Parlamentari, l-Onor Joe Mizzi qam u talab għal deċiżjoni fuq Punt ta' Ordni, liema talba mill-ewwel għamilha tiegħu ukoll l-Onor Leo Brincat li fil-qosor spjega ċ-ċirkostanzi li fuqhom kien qed jitlob deċiżjoni tas-Sedja .

L-Onor Brincat fl-ispjega tiegħu allega li bit-tweġiba tiegħu għall-Mistoqsija Parlamentari numru 12954 mwieġba bil-miktub fis-Seduta numru 171 tal-25 ta' Novembru, 2009, il-Prim Ministru 'żvija' jew 'sgwida', (immislidja) lill-Kamra. Sew l-Onor Mizzi kif ukoll l-Onor Brincat talbu lis-Sedja tinvestiga u tiddeċiedi hemmx bażi għall-allegazzjoni tagħhom f'dan il-Punt ta' Ordni u fil-każ tapplika l-Ordnijiet tal-Kamra pertinenti għall-każ. Is-Sedja irriservat li tagħti deċiżjoni fi stadju ulterjuri.

Is-Sedja l-ewwel ħaġa li issa qed tagħmel hu li teżamina taħt liema Ordni Permanenti jinkwadra ruħu l-ilment imqanqal mill-Onor Membri. Minn eżami akkurat tal-Ordnijiet Permanenti[1] minn imkien ma seta' jirriżulta lis-Sedja xi Ordni Permanenti li jittratta ċ-ċirkostanza ta' żvijar jew sgwidar tal-Kamra minn xi Onorevoli Membru.

Fil-każ attwali l-Ordnijiet Permanenti jittrattaw f'ċertu dettal il-Mistoqsijiet Parlamentari[2] iżda imkien ma jirregolaw it-tweġibiet relattivi. Tant li hi prattika kostanti li s-Sedja, filwaqt li tirregola l-Mistoqsijiet, qatt ma tesprimi ruħha fuq it-tweġibiet u dejjem irriteniet li l-Ordnijiet Permanenti ma jattribwulha l-ebda funzjoni għal dan l-iskop, ħaġa li s-Sedja ma tistax taqbad u tarroga għalija nnifisha stante li bil-Kostituzzjoni hi l-Kamra biss li tiddeċiedi kif trid li jiġi regolat l-andament tax-xogħol tagħha.

Issa kif taf il-Kamra l-Ordni Permanenti numru 197 jipprovdi li "Fil-każijiet kollha mhux maħsub għalihom f'dawn l-Ordnijiet Permanenti wieħed għandu jirrikorri għar-regoli, modi, użanzi u drawwiet tal-*House of Commons* tal-Parlament tar-Renju Unit, li għandhom jiġu segwiti safejn jistgħu jiġu applikati għall-proċeduri tal-Kamra b'konsiderazzjoni xierqa għan-natura speċjali tal-Kostituzzjoni." Iżda anke hawn, sa fejn seta' jirriżultali minn eżami tal-partijiet rilevanti, l-***Erskine May Parliamentary Practice***[3] ukoll aktar jitkellem dwar il-Mistoqsijiet milli dwar it-Tweġibiet, u kif mistenni l-Kamra tagħna issegwi l-linji ġenerali tal-*House of Commons* fis-sens li s-Sedja ġeneralment ma tirregolax il-kontenut tat-Tweġibiet għal Mistoqsijiet Parlamentari.

Sa fejn is-Sedja setgħet tinnota l-unika riferenza fl-*Erskine May* għal kwestjoni ta' żvijar jew sgwidar tal-Kamra tinstab f'paragrafu intitolat '*Misconduct of Members or Officers* ', b'sotto-titolu '*Members Deliberately Misleading the House* '. Il-paragrafu qasir jgħid hekk: "*The Commons may treat the making of a deliberately misleading statement as a contempt. In 1963 the House resolved that in making a personal statement which contained words which he later admitted not to be true, a former Member had been guilty of a grave contempt.*"[4]

Fil-kuntest tal-Kamra tagħna l-kwestjoni ta' 'disprezz' ('*contempt*') fil-konfront tal-Kamra stess jew ta' xi Membru tagħha huwa regolat bl-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-

Kamra tad-Deputati (Kap 113) (privileġġi, immunitajiet u setgħat li l-Kamra u l-membri jgawdu anke skond l-Ordni Permanenti 161). L-Artikolu 11 tal-imsemmija Ordinanza jistabilixxi liema huma r-reati kontra dan l-Att. Każ *prima facie* ta' dawn ir-reati jista' jagħti lok għal proċeduri legali, inkluż dawk ta' ksur ta' privileġġ quddiem din il-Kamra. L-Artikolu 11 (4) (i) jipprovdi li jkun reat kontra l-Att "kull min iġib quddiem il-Kamra jew Kumitat tagħha dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat bil-ħsieb li jqarraq lill-Kamra jew lil dak il-Kumitat;".

Dawn huma l-parametri legali li fi ħdanhom is-Sedja tista' tikkonsidra l-ilment imqanqal mill-Onorevoli Mizzi u Brincat.

L-ewwelnett is-Sedja tikkonstata l-fatt li fil-każ attwali l-Onorevoli qajjmu 'Punt ta' Ordni'. Infatti l-Onor Mizzi qal hekk: "Qed inqajjem din il-kwestjoni issa fil-ħin tal-mistoqsijiet bħala*point of order*." Dan ġie konfermat mill-Onor Brincat, u s-Sedja kkonkludiet hekk f'dik is-Seduta: "...naturalment jien nikkonsidra l-punti li qanqalt fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-punt ta' ordni."

A' bażi tar-regoli li fuqhom tiddeċiedi Punt ta' Ordni, is-Sedja taqtagħha li fil-każ attwali m'hemmx bażi legali għall-Punt ta' Ordni għaliex l-Ordnijiet Permanenti jagħtu funzjoni lis-Sedja fir-regolamentazzjoni tal-Mistoqsijiet iżda mhux tat-Tweġibiet għal Mistoqsijiet Parlamentari. L-ispirtu tal-Ordnijiet Permanenti għandu jinftiehem fis-sens li l-Onorevoli Membri tal-Kamra għandhom l-opportunitajiet meħtieġa biex fil-liberta' u bil-protezzjoni kollha li jagħtuhom l-istess Ordnijiet Permanenti jikkummentaw, jikkritikaw, jikkontradiċu jew jiċċensuraw kontenut fit-Tweġibiet li jagħtu Ministri għal Mistoqsijiet Parlamentari. Mhix, u ma tistax skond il-liġi tkun, il-funzjoni tas-Sedja li fuq Punt ta' Ordni tikkummenta jew tiċċensura tali Tweġibiet, anke f'każijiet fejn evidentement it-Tweġiba ma tissodisfax l-elementi prinċipali tal-Mistoqsija. F'dan il-każ sta għall-Onorevoli Interpellant li jissoleċita tweġiba sodisfaċenti jew b'Mistoqsijiet Supplimentari jew b'Mistoqsijiet Parlamentari ulterjuri bil-miktub jew b'intervent f'ħin propju fil-Kamra.

Fit-tieni lok is-Sedja qieset l-ilment tal-Onorevoli Membri fil-kuntest tar-regoli li jirregolaw il-privileġġi u s-setgħat tal-Kamra. Hawn l-Ordnijiet Permanenti huma ċari u jipprovdu b'mod tassattiv li kwestjoni ta' privileġġ trid titqanqal permezz ta' mozzjoni kif imfisser fl-Ordnijiet Permanenti 35 u 36. Is-Sedja tikkonstata li l-Onor Membri fl-ebda stadju ma invokaw mozzjoni dwar xi kwestjoni ta' privileġġ. Kieku dan kien il-każ is-Sedja kienet tkun marbuta li preliminarjament tiddeċiedi jekk ***<u>prima facie</u>*** hemmx bażi għal tali kwestjoni ta' privileġġ kif jitlob il-Kapitolu 113 tal-liġijiet tagħna. Għaldaqstant is-Sedja ma tistax tgħaddi biex teżamina hemmx jew le *prima facie* każ ta' ksur ta' privileġġ ladarba dan ma ġiex invokat mill-Onor Membri kif jitolbu l-Ordnijiet Pemanenti.

Minkejja dan kollu tajjeb li l-Kamra żżomm quddiem għajneja li l-Artikolu 11 (4) (i) espliċitament jikkwalifika l-għoti jew t-tqiegħed ta' "dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat" quddiem il-Kamra b'intenzjoni ċara u pruvabbli li dak li jkun jagħmel hekk "**bil-ħsieb li jqarraq"** lill-Kamra. L-istess l-Erskine May, meta jiddeskrivi l-att ta' '*misleading*' bħala "*the making of a* ***deliberately misleading*** *statement*" espliċitament qed jippressuponi l-*mens rea,* l-intenzjoni deliberata li jiżvija. L-elementi tar-reat kontemplat mill-Artikolu 11 (4) (i) ma jistgħux jissustixxu mingħajr l-element essenzjali tal-intenzjoni, anke kieku t-tagħrif jew id-dokument mogħti lill-Kamra fih skorettezzi li jistgħu jiżvijaw lill-Kamra.

Filwaqt li għar-raġunijiet fuq imsemmija s-Sedja ma daħlitx fil-merti tal-ilmenti imqanqla mill-Onorevoli Mizzi u Brincat, is-Sedja informat ruħha biżżejjed biex tikkonkludi li kull ekwivoku li jista' jirriżulta mit-Tweġiba li ta l-Onor Prim Ministru għall-Mistoqsija Parlamentari numru 12954, skond l-informazzjoni li għaddietlu l-MEPA, jista' jiġi riżolt billi b'Mistoqsija Parlamentari oħra tintalab spjega fid-dawl tad-dokument li l-Onor Brincat poġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.[5] Imbagħad sta għall-Onor Membri jevalwaw u jiġġudikaw it-tagħrif mogħti lilhom f'din it-Tweġiba.

Daqstant għandha x'tgħid is-Sedja fuq il-Punt ta' Ordni fuq imsemmi.

---

[1] Ordnijiet Permanenti, Kamra tad-Deputati, kif emendati u adattati sal-10 ta' Lulju, 1995, Stampat fl-Istamperija tal-Gvern.

[2] Ibid., Ordnijiet Permanenti numri 26 sa 32.

[3] Parliamentary Practice, Erskine May, 23rd Edition, 2004.

[4] Ibid., p 132.

[5] Karta Mqiegħda (PL) numru 3449, Seduta 172 tat-Tnejn, 30 ta' Novembru, 2009.